# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# (ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Mejju, 2022**

**Referenza Kostituzzjonali Nru: 115/2022**

***IL-PULIZIJA (SPETTUR ORIANA SPITERI)***

***VS.***

***MILOUD ELFORJANI***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza dwar ordni ta' referenza kostituzzjonali magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-23 ta' Frar, 2022, liema ordni waslet għand din il-qorti fit-3 ta' Marzu, 2022;

***Daħla / Fatti***

2. Skont rapport tal-Pulizija (ara paġni 8 sa 11 tal-atti tal-kawża), nhar it-22 ta' Lulju, 2019 għall-ħabta tal-ħdax neqsin għaxra ta' bil-lejl, Nazzareno Camilleri ċempel l-għassa tal-Pulizija f'Ħaż-Żabbar u sostna li Miloud Elforjani kien qiegħed jagħmel ħsara fuq il-vettura

tiegħu u fuq vetturi oħrajn fi Triq Bursett, Ħaż-Żabbar. PC265, PC331, PS 624, PC 737 u PC1241 marru fuq il-post u hemmhekk arrestaw lil Miloud Elforjani, wara li raw li kien hemm ħsarat fuq tliet vetturi. Dejjem skont dan ir-rapport, Miloud Elforjani stqarr mal-Pulizija li kien hu li wettaq il-ħsara għaliex kellu xi jgħid ma' Nazzareno Camilleri. Mill-post inġabret ukoll il-mazza li x'aktarx intużat biex saret il-ħsara;

3. Miloud Elforjani ttieħed fl-għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar u hemmhekk huwa ffirma żewġ dikjarazzjonijiet magħmulin bil-Malti. Fl-ewwel dikjarazzjoni huwa qal li kien jifhem u jitkellem bil-Malti (ara paġna 12 tal-atti) u fit-tieni dikjarazzjoni huwa qal li kien qiegħed jirrinunzja kemm għall-jedd tiegħu li jkellem avukat qabel ma jpoġġi għall-interrogazzjoni, kif ukoll għall-jedd tiegħu li jkollu avukat miegħu waqt l-interrogazzjoni (ara paġna 13 tal-atti);

4. L-Ispettur Oriana Spiteri mexxiet l-interrogazzjoni ta' Miloud Elforjani, fil-preżenza ta' PS 624. Wara li ntemmet l-interrogazzjoni, Miloud Elforjani ffirma stqarrija (ara paġni 14 sa 15 tal-atti). Din l-istqarrija, li saret fit-23 ta' Lulju, 2019, ġiet miktuba bil-Malti u tiġbor fiha l-mistoqsijiet li saru mill-Ispettur Oriana Spiteri u t-tweġibiet li ta Miloud Elforjani;

5. Fis-6 ta' Awwissu. 2019 il-Pulizija reġgħet interrogat lil Miloud Elforjani b'rabta mal-ħsara fuq il-vetturi. Qabel ma qagħad għall-interrogazzjoni, Miloud Elforjani ffirma dikjarazzjoni bil-Malti li kienet tgħid li huwa kellem lill-avukata Leontine Calleja għall-parir legali. Dakinhar stess, Miloud Elforjani ffirma t-tieni stqarrija tiegħu (ara paġni 17 u 18 tal-atti tal-kawża). Din it-tieni stqarrija wkoll saret bil-Malti;

6. L-għada, 7 ta' Awwissu, 2019, il-Pulizija akkużat lil Miloud Elforjani quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli volontarjament wettaq ħsara fuq ġid ta' Nazzareno u Christopher Camilleri. Dakinhar tas-seduta, il-Pulizija ppreżentat fl-atti tal-proċeduri kriminali t-tliet dikjarazzjonijiet u ż-żewġ stqarrijiet fuq imsemmija li ġew ilkoll iffirmati minn Miloud Elforjani. Barra minn hekk, fil-verbal tas-seduta (ara paġna 3 tal-atti) ġie ddikjarat dan li ġej:

*«Meta ssejħet il-kawża dehret l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Oriana Spiteri u l-imputat li ddikjara li ma għandux avukat ta' fiduċja tiegħu.*

*Dr Christopher Chircop ġie maħtur bħala avukat tal-għajnuna legali sabiex jassisti lill-imputat.*

*L-imputat meta mistoqsi minn din il-Qorti jekk jifhimx bil-lingwa Maltija, rrisponda lill-Qorti illi huwa ser jipprova jifhem, u għalhekk il-Qorti wara li l-istess imputat infurmaha li huwa jitkellem bl-Għarbi peress li huwa mil-Libja, ħatret lil Nazmi Huoto bħala interpretu mil-lingwa Maltija għal dik Għarbija u vice versa.»*

7. Il-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fis-seduta tal-11 ta' Ġunju, 2021 (ara paġna 108 tal-atti tal-kawża);

8. Fil-21 ta' Ottubru, 2021, Miloud Elforjani ressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali (ara paġni 112 sa 115 tal-atti tal-kawża), li permezz tiegħu talab li ssir referenza kostituzzjonali dwar jekk huwa ġarrabx ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, kif imħares bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u bl-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** minħabba l-fatt li huwa ffirma żewġ stqarrijiet bil-Malti fil-fażi tal-interrogazzjoni, bla ma kellu l-għajnuna ta' interpretu;

9. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali tat digriet fit-**<u>23 ta' Frar, 2022</u>** (ara paġni 120 sa 122 tal-atti tal-kawża), li bis-saħħa tiegħu ordnat hekk:

*«Għal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tiddikjara li t-tqanqil tal-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mill-imputat Miloud Elforjani rikorrenti fir-rikors tiegħu datat 21 ta' Ottubru, 2021, ma hijiex vessatorja għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tilqa' it-talba tiegħu biex issir ir-referenza minnu mitluba fl-istess rikors lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) u tordna s-sospensjoni tal-kawża rijappuntabbli meta tiġi deċiża l-vertenza sollevata mill-istess rikorrenti imputat.»*

10. Din il-qorti appuntat din ir-referenza kostituzzjonali b'digriet tat-**<u>3 ta' Marzu, 2022</u>** (ara paġni 123 u 124 tal-atti) u ordnat lir-Reġistatur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex skont ir-**regola 5(3) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (L.S. 12.09)**, l-avviż dwar id-data tas-smigħ jiġi mogħti lill-Kummissarju tal-Pulizija, lil Miloud Elforjani, lill-Avukat Ġenerali u lill-Avukat tal-Istat;

11. L-Avukat tal-Istat, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija ressqu risposta fl-**<u>14 ta' Marzu, 2022</u>** (ara paġni 126 sa 128 tal-atti) dwar din ir-referenza kostituzzjonali. Fit-tweġiba tagħhom huma kkritikaw lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali dwar il-mod ta' kif kitbet ir-referenza kostituzzjonali. Fuq il-mertu qalu li l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** ma jgħoddx għall-istqarrijiet li saru qabel ma nbeda l-proċess kriminali u li f'kull każ Miloud Elforjani xorta ma ġarrab l-ebda ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq minħabba li huwa jifhem u jitkellem tajjeb bil-Malti;

12. Fis-seduta tal-**<u>15 ta' Marzu, 2022</u>** (ara paġna 129 tal-atti tal-kawża), ġie verbalizzat li l-avukati tal-partijiet kienu qegħdin jaqblu illi l-mistoqsija illi din il-qorti għandha twieġeb lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali hija jekk hemmx ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u/jew ksur tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** minħabba l-fatt li meta Miloud Elforjani ġie interrogat fit-23 ta' Lulju, 2019 u fis-6 t'Awwissu, 2019 huwa ma kienx megħjun minn interpretu. Minħabba din il-preċiżazzjoni, l-Avukat tal-Istat *et* iritiraw l-eċċezzjoni tagħhom marbuta mas-siwi tar-referenza kostituzzjonali;

13. Il-partijiet ressqu n-noti rispettivi ta' sottomissjonijiet tagħhom fis-7 ta' April, 2022 (ara paġni 133 sa 134 tal-atti) u fid-29 ta' April, 2022 (ara paġni 136 sa 141 tal-atti);

14. Waqt is-seduta tat-**<u>13 ta' Mejju, 2022</u>** ġie ddikjarat li l-partijiet m'għandhomx aktar xi jżidu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom dwar kif għandha tiġi mwieġba dina l-ordni ta' referenza kostituzzjonali u minn hemm il-kwistjoni tħalliet għal-lum sabiex tingħata din is-sentenza;

*Konsiderazzjonijiet*

15. L-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta)** jgħidu li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna dwar ksur jew potenzjali ksur ta' xi wieħed jew aktar mill-jeddijiet li jissemmew: (i) fl-**artikoli 33** sa **45** tal-**Kostituzzjoni ta' Malta**; (ii) fl-**artikoli 2** sa **18** tal-**Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali**; (iii) fl-**artikoli 1** sa **3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**; (iv) fl-**artikoli 1** sa **4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni**; (v) fl-**artikoli 1** u **2 tas-Sitt Protokoll tal-Konvenzjoni**; u (vi) fl-**artikoli 1** sa **5 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni**;

16. Mill-banda l-oħra, l-**artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 4(3) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħidu li jekk tqum kwistjoni dwar wieħed mill-jeddijiet fuq imsemmija quddiem qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil ta' dik il-kwistjoni ma tkunx waħda sempliċement frivola jew vessatorja. Bil-kelma '*frivola'* wieħed jifhem li t-talba għar-referenza kostituzzjonali tkun żejda, bla ħtieġa, fiergħa jew vojta; filwaqt li bil-kelma '*vessatorja'* wieħed jifhem li t-talba għar-referenza kostituzzjonali tkun saret biex iddejjaq jew tinki lil dak li jkun;

17. Minn kliem il-liġi hija qorti biss li tista' tibgħat kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Din għalhekk teskludi bordijiet bħall-Bord ta' Arbitraġġ Dwar Artijiet (ara ***Kummissarju tal-Artijiet v. Ignatius Licari nomine*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ġunju, 2004), kif ukoll tribunali bħat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar (ara ***Anthony Grech v. Claire Calleja et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Frar, 2008);

18. Issa kif ingħad fis-sentenza ***Il-Pulizija v. Lawrence Attard*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar l-1 ta' Lulju, 2004, hemm differenza mhux traskurabbli bejn is-setgħat ta' din il-qorti meta tkun imsejħa tiddeċiedi kwistjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali direttament fuq talba ta' parti u meta, bħal f'dan il-każ, tkun saritilha referenza minn qorti oħra dwar kwistjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali li tkun tqanqlet quddiemha. Huwa meqjus li ż-żewġ għamliet ta' proċeduri huma paralleli għal xulxin (ara ***Anthony Coreschi v. Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Lulju, 1989) u għalhekk dan ifisser li dawn m'humiex l-istess għaliex dak li huwa parallel għal xi ħaġa ma jsir qatt biċċa minnha;

19. Illi l-akbar differenza hija fil-fatt li l-proċedura mibdija b'kawża *ad hoc* hija dritt u għażla tal-persuna li tkun qiegħda tilmenta minn ksur ta' xi dritt fondamentali tagħha; filwaqt li r-referenza mhijiex tal-partijiet li qed jissieltu fil-kawża iżda tal-qorti riferenti biss (ara *inter alia* ***Glenn Bedingfield v. Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Lulju 2000 u ***Nazzareno Galea et v. Giuseppe Briffa et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru, 2001). Kemm hu hekk, intqal li l-proċedura marbuta mal-ordni ta' referenza hija waħda ta' ordni pubbliku, b'dana li qorti għandha tiddeċiedi hi mill-ewwel jekk il-kwistjoni mqanqla quddiemha tixraqx li tiġi mibgħuta lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u mhux toqgħod tistenna li xi parti tiftaħ kawża kostituzzjonali għal rasha dwar dik il-kwistjoni (ara ***Avukat Dr. Lawrence Pullicino v. Kap Kmandant tal-Forzi Armati et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' April, 1989);

20. Naturalment dan ma jfissirx li kull meta tinqala' kwistjoni li tista' tmiss ma' jedd fundamentali, il-qorti għandha tagħlaq għajnejha u taqbad u tibgħat kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bl-addoċċ jew kif ġieb u laħaq. Jekk il-kwistjoni tkun dwar xi ħaġa li taqa' fl-obbligi ta' dik il-qorti, ir-referenza m'għandhiex issir. Hekk pereżempju Qorti tal-Maġistrati m'għandhiex tibgħat referenza kostituzzjonali jekk f'talba dwar ħelsien mill-arrest titqajjem mill-akkużat kwistjoni dwar il-jedd tiegħu mill-ħarsien ta' arrest arbitrarju - dan għaliex huwa xogħol il-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi kwistjonijiet bħal dawn fid-dawl mhux biss tad-dispożizzjonijiet tal-**Kodiċi Kriminali** iżda anke fid-dawl tal-jeddijiet li jinsabu fil-

**Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**. Wara kollox il-Qorti tal-Maġistrati mhijiex marbuta li timxi biss mal-liġijiet kriminali iżda hija marbuta li timxi mal-liġijiet kollha ta' Malta, magħdud magħhom għalhekk il-liġijiet li joħorġu mill-**Kostituzzjoni ta' Malta** u mill-**Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**;

21. Eżempju ieħor huwa li l-Qorti tal-Appell m'għandhiex għalfejn tibgħat referenza kostituzzjonali jekk ikollha aggravju quddiemha dwar it-tħassir tas-sentenza appellata minħabba li din tkun ingħatat mingħajr ma semgħet x'kellha xi tgħid waħda mill-partijiet - dan għaliex huwa xogħol il-Qorti tal-Appell li tiddeċiedi kwistjonijiet dwar jekk is-sentenza appellata ngħatatx b'ħarsien tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Hekk ukoll, il-Qorti tal-Maġistrati li tkun qed tisma' proċeduri ċivili ta' libell m'għandhiex għalfejn tagħmel referenza kostituzzjonali jekk il-konvenut iġib bħala difiża f'dik il-kawża l-fatt li huwa kien qiegħed jesprimi l-opinjoni ħielsa tiegħu - dan għaliex huwa mistenni li f'kawżi ta' libell il-Qorti tal-Maġistrati twieżen bejn il-jedd ta' reputazzjoni tal-parti li tkun qiegħda tallega li kienet vittma ta' libell u l-jedd tal-parti l-oħra li tiddefendi ruħha billi tgħid li hija kienet qiegħda tesprimi l-ħsibijiet u l-fehmiet tagħha fil-pubbliku;

22. Bl-istess mod, qorti għandha toqgħod kemm jista' jkun lura milli tagħmel referenza kostituzzjonali jekk quddiemha titqajjem kwistjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali li bħalha tkun tqajmet qabel, u fejn dik il-kwistjoni tkun diġà tqieset mill-ogħla qorti kompetenti u tat il-provvedimenti tagħha dwarha (ara ***J.G. Systems Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2010 u ***Il-Pulizija v. Jean Piere Borġ*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fil-25 ta' Ottubru, 2016). Tassew ma jidhirx li jkun hemm għalfejn li qorti oħra għandha tirreferi l-każ mill-ġdid lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kull darba li tqum quddiemha kwistjoni bħal dik, sakemm il-kwistjoni ma tkunx tqanqal xi punt ġdid. Ikun xieraq li l-qorti li quddiemha titqanqal il-kwistjoni tieħu qies tad-direzzjoni murija mill-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali dwar kwistjoni bħal dik u timxi ma' dik id-direzzjoni indikata fil-każ li jkollha quddiemha. B'daqshekk, ma jfissirx li dik il-qorti tkun qiegħda żżomm għaliha kompetenza li mhijiex tagħha, iżda biss li tkun qiegħda tapplika u tħaddem il-liġi

fl-għarfien ta' punti li jkunu ġew stabbiliti mill-qorti kompetenti (ara ***Il-Pulizija v. Pawlu Grech*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta' Novembru, 2011);

23. Sfiq ma' dan, huwa importanti li tinġibed l-attenzjoni wkoll li referenzi kostituzzjonali mhumiex maħsuba biex isiru għall-għanijiet akkademiċi iżda biex jiġu solvuti intoppi li jinqalgħu f'kawżi ordinarji. Wieħed ma jridx jinsa hawnhekk li jekk issir ir-referenza, il-proċeduri quddiem il-qorti riferenti għandhom jieqfu skont l-**artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** sakemm ikun hemm tweġiba finali għal dik ir-referenza mill-qorti (ara *inter alia*, ***Onorevoli Imħallef Dottor Anton Depasquale v. Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Ġunju, 2001 u ***Avukat Ġenerali et v. Nicolai (Nicolai Christian) Magrin et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru, 2017);

24. Minħabba f'hekk, il-qorti riferenti għandha tkun għaqlija u prudenti biżżejjed meta tiġi biex tiddeċiedi jekk għandhiex tibgħat kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew le. Il-qorti riferenti trid tkun ċerta li dik ir-referenza hija tabilħaqq meħtieġa sabiex hija tkun tista' tkompli twettaq ħidmietha. Referenza kostituzzjonali/konvenzjonali li ma tkunx ħa tħalli l-frott fl-eżitu tal-proċeduri quddiem il-qorti riferenti m'għandhiex issir mill-ewwel (ara ***Director of Public Registry v. Ahmad Aziz*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022);

25. Biex wieħed forsi jagħti eżempju, mhuwiex indikattiv li ssir referenza kostituzzjonali biex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili twieġeb biss jekk fil-proċeduri quddiem il-qorti riferenti qiegħedx ikun hemm dewmien irraġonevoli jew le. Referenza bħal din mhijiex utli għall-proċeduri quddiem il-qorti riferenti, anzi l-qorti riferenti tkun qiegħda ttawwal iżjed dawk il-proċeduri għalxejn b'xejn jekk tagħmel referenza bħal dik. Wara kollox, il-qorti riferenti m'għandhiex bżonn il-gwida tal-qrati kostituzzjonali biex tkun taf jekk hemmx dewmien bla bżonn fil-proċeduri; dan tista' tarah waħidha billi tqalleb il-karti tal-atti;

26. Dan l-eżerċizzju ta' rilevanza u ta' ħtieġa huwa importanti li jsir mill-qorti riferenti għaliex jekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali jsibu li dik ir-referenza kienet irrilevanti għall-għanijiet tal-kawża li tkun qiegħda tinstema' mill-qorti riferenti, l-ordni ta' referenza tista' tintbagħat lura mingħajr tweġiba (ara *inter alia* ***Karkanja Limited v. Carmel Galea et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Mejju, 2019);

27. Illi kif tajjeb ġie mpoġġi mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Edgar Blundell et v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali*** deċiża fl-20 ta' Marzu, 2000, qorti b'setgħat kostituzzjonali hija,

> *«prekluża milli tikkonsidra l-kwistjoni dwar ksur ta' xi waħda minn dawk id-disposizzjonijiet lilha riferita, jekk din ma tkunx rilevanti u tkun għal kollox estraneja għall-mertu tal-proċeduri li fihom il-kwistjoni tkun ġiet imqanqla, u li allura deċiżjoni dwarha ma tkunx tenħtieġ biex il-qorti li tkun għamlet ir-referenza tkun tista' tiddisponi mill-mertu»;*

28. Dan iġibna għall-punt ieħor dwar kemm huwa importanti l-mod ta' kif għandha ssir l-ordni ta' referenza, jekk kemm-il darba il-qorti riferenti tagħżel li tagħmilha. Ma ninsewx li billi l-kwistjoni tkun inqalgħet quddiem qorti li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u billi l-proċediment ma jkunx tressaq quddiem din il-qorti direttament minn min jallega l-ksur tal-jedd fondamentali partikolari, din il-qorti trid tqis fedelment il-kwistjoni fil-mod u t-termini mgħoddijin lilha mill-qorti li tkun għamlet ir-referenza. Jekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tonqos li tagħmel dan jew titbiegħed milli tqis dak lilha riferut, hija tkun qiegħda tiddeċiedi *extra petita* (ara ***Il-Pulizija v. John Aquilina et*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-23 ta' Lulju, 2008 u ***The Police v. Nelson Arias*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Settembru, 2012);

29. Xogħol il-qorti li tirċievi r-referenza huwa illi twieġeb għall-mistoqsijiet magħmula lilha mill-qorti riferenti. Tassew mhuwiex mogħti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew lill-Qorti Kostituzzjonali l-jedd li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kawża li minnha tnisslet ir-referenza

kostituzzjonali jew li toqgħod tagħti xi rimedju fl-eventwalità li ssib xi vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem (ara ***Il-Pulizija v. Vincent Etienne Vella*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru, 2020 u ***The Police v. Austine Eze et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013). Għalkemm irid jingħad ukoll li l-aħħar ġurisprudenza tgħid ukoll li ma hemm xejn xi jżomm lill-qorti b'setgħat kostituzzjonali li tagħmel kull osservazzjoni oħra li jidhrilha rilevanti għal risposta sħiħa għad-domanda magħmula anke billi tqajjem hi kwistjonijiet *ex officio* (ara ***Il-Pulizija (Spettur Kevin Pulis) v. Robert Agius*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu, 2019 u ***The Police (Inspector Keith Arnaud) v. Kristjan Zekic also kwown as Adhamjon Niyazov*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 2019);

30. Illi l-mod ta' kif għandha ssir ordni ta' referenza tinsab imfissra fl-**artikolu 5** tar-**Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09)**. Dan l-artikolu jagħmilha ċara li l-ordni ta' referenza għandu jkun fiha b'mod konċiż u ċar:

    i. il-fatti u ċ-ċirkostanzi li minnhom il-kwistjoni tinħoloq;
    ii. it-termini ta' dik il-kwistjoni; u
    iii. id-dispożizzjoni jew dispożizzjonijiet tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** jew tal-**Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali** li jkunu involuti (ara f'dan is-sens ***Il-Pulizija v. Dr. Melvyn Mifsud*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April, 2013 u ***The Police v. Nelson Arias*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Settembru, 2012);

31. Huwa meħtieġ u mistenni li l-qorti riferenti timxi mal-**artikolu 5** tar-**Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09)** sabiex il-qorti b'setgħat kostituzzjonali jkollha parametri ċari u preċiżi li fuqhom tagħmel l-istħarriġ tagħha tal-kwistjoni mqanqla u mibgħuta lilha mill-qorti riferenti (ara ***Il-Pulizija v. Anthony Seychell*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali fil-5 ta' Mejju, 2005);

32. Illi din il-qorti ħasset il-bżonn li tagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet kollha dwar dan is-suġġett għaliex jidhrilha li l-ordni ta' referenza mibgħuta lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali setgħet u kellha ssir ħafna aħjar mill-mod ta' kif saret;

33. Ibda biex, huwa ċar li l-ordni ta' referenza ma saritx skont kif jitlob l-**artikolu 5(1)** tar-**Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni**. Biżżejjed jingħad li fl-ordni ta' referenza la jissemmew l-artikoli tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u/jew tal-**Konvenzjoni Ewropea** li għandhom jiġu mistħarrġa minn din il-qorti u lanqas ma jissemmew il-mistoqsijiet li għandhom jiġu mwieġba minn din il-qorti. Daqskemm hemm bżonn li f'rikors maħluf ir-rikorrent iniżżel b'mod ċar u li jinftiehmu t-talbiet li huwa jrid li qorti tiddeċiedi; daqstant ieħor hemm bżonn li l-qorti riferenti tniżżel b'mod ċar u li jinftiehem il-mistoqsijiet fuq l-artikoli tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u/jew tal-**Konvenzjoni Ewropea** li hija tixtieq tweġiba dwarhom min-naħa tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew tal-Qorti Kostituzzjonali;

34. Mhux ta' b'xejn li l-Avukat tal-Istat *et* qajmu fit-tweġiba tagħhom in-nullità tal-ordni ta' referenza mressqa f'dan il-każ. Madankollu b'sens ta' prattiċità u biex ma jkunx hemm dewmien żejjed fil-proċeduri kriminali, l-istess Avukat tal-Istat *et* aċċettaw li jirrinunzjaw għall-eċċezzjonijiet tagħhom dwar in-nullità tal-ordni ta' referenza, wara li bi qbil mal-avukat ta' Miloud Elforjani ġie vverbalizzat fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2022, illi l-mistoqsija illi din il-qorti għandha twieġeb lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hija: jekk hemmx ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u/jew ksur tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** minħabba l-fatt li meta Miloud Elforjani ġie interrogat fit-23 ta' Lulju, 2019 u fis-6 t'Awwissu, 2019 huwa ma kienx megħjun minn interpretu;

35. Li kieku ma kienx għal dan il-verbal u għall-fatt ukoll li dina l-qorti setgħet tifhem x'kienet il-problema kostituzzjonali/konvenzjonali minn dak li ġara fil-proċess kriminali, l-atti tar-referenza kien ikollhom jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-

Ġudikatura Kriminali biex din terġa' tikteb l-ordni ta' referenza mill-ġdid, wara li tħares dak imsemmi fl-**artikolu 5(1)** tar-**Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni**. Iżda b'xorti tajba l-partijiet qablu dwar x'inhuma t-termini ta' din ir-referenza u għalhekk ma hemmx bżonn li din tintbagħat lura;

36. Hekk imwarrab dan l-aspett formali ta' kif inkitbet l-ordni ta' referenza, il-qorti xorta tara li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali għaġġlet ħafna meta għażlet li tibgħat din ir-referenza kostituzzjonali. Ladarba l-kwistjoni mressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienet dwar jekk Miloud Elforjani jifhimx bil-Malti jew le, dik il-Qorti messha l-ewwel semgħet il-provi dwar dan il-punt, qabel ma bagħtet ir-referenza kostituzzjonali;

37. Wieħed ma jridx iwarrab quddiem għajnejh li x-xogħol tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'referenza kostituzzjonali/konvenzjonali huwa li twieġeb għall-mistoqsija magħmula lilha mill-qorti riferenti u mhux li toqgħod terġa' tisma' l-provi li nġabu jew li messhom inġabu quddiem il-qorti riferenti. Huwa sewwasew għalhekk li suppost il-proċedura tar-referenza kostituzzjonali għandha tingħalaq f'qasir żmien ħafna u mingħajr dewmien skont l-**artikolu 5(3)** tar-**Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni**, għaliex xogħol din il-qorti huwa li tipprovdi gwida lill-qorti riferenti dwar punti ta' xejra kostituzzjonali/konvenzjonali u mhux li tisma' l-provi minflok il-qorti riferenti;

38. Fil-każ tagħna, il-kwistjoni kollha marbuta mal-għarfien ta' Miloud Elforjani tal-ilsien Malti fil-mument li tteħdulu l-istqarrijiet tiegħu mill-Pulizija ma qamitx mill-ewwel meta l-istqarrijiet ġew esibiti bħala prova fl-atti kriminali mill-prosekuzzjoni fis-7 ta' Awwissu, 2019 iżda qamet aktar minn sentejn wara *i.e.* fil-21 ta' Ottubru, 2021, meta l-prosekuzzjoni kienet għalqet il-provi tagħha;

39. M'għandniex għalfejn ngħidu, jekk Miloud Elforjani jifhimx bil-Malti jew le hija kwistjoni ta' fatt, li l-Qorti ta' Maġistrati messha semgħet il-provi dwarha qabel ma batgħet din l-ordni ta' referenza;

40. Dan kien meħtieġ għaliex minkejja li l-avukat ta’ Miloud Elforjani qed jgħid li l-klijent tiegħu ma jifhimx sew bil-Malti u minkejja li mill-atti kriminali jirriżulta li dawn kważi dejjem tmexxew bl-assistenza ta’ interpretu, madankollu mill-atti tal-kawża kriminali jirriżulta wkoll li Miloud Elforjani kien iffirma dikjarazzjoni qabel ma poġġa għall-interrogazzjoni tal-Pulizija fejn fiha huwa saħaq li kien jifhem bil-Malti. Minbarra dan, fl-atti kriminali ġew ippreżentati mill-prosekuzzjoni: (i) rapport tal-Pulizija fejn jingħad li Miloud Elforjani tkellem mal-Pulizija dakinhar li huwa ġie arrestat fuq il-post; u (ii) żewġ stqarrijiet ta’ Miloud Elforjani li kollha saru bil-Malti. F’dawn id-dokumenti ma ssemma xejn dwar il-fatt li l-Pulizija sabu xi problemi biex jitkellmu ma’ Miloud Elforjani bil-Malti;

41. Naturalment jekk huwa minnu li Miloud Elforjani ma jifhimx bil-Malti; dawn id-dikjarazzjonijiet u l-istqarrijiet li saru mal-Pulizija huma abbużivi u qarrieqa għaliex bniedem li suppost ma jafx bil-Malti ma jistax jifhem u jagħti tweġibiet bil-Malti. Ifisser għalhekk li jekk huwa minnu li Miloud Elforjani tabilħaqq ma jafx bil-Malti, dak kollu li hemm imniżżel fl-istqarrijiet ma jistgħux ikunu kliemu iżda huma kliem li nkiteb minn ħaddieħor. Min-naħa l-oħra però, jista’ jkun ukoll il-każ li Miloud Elforjani qiegħed jilgħabha li ma jafx bil-Malti u ħareġ b’din il-kwistjoni kostituzzjonali/konvenzjonali sabiex jipprova jiggwadannja xi ħaġa;

42. Hu x’inhu l-każ, kien ikun ħafna aħjar f’din is-sitwazzjoni kunfliġġenti, li l-Qorti tal-Maġistrati l-ewwel semgħet il-provi kollha li kellhom xi jressqu l-prosekuzzjoni u d-difiża dwar din il-kwistjoni ta’ jekk Miloud Elforjani jafx bil-Malti jew le, u wara tara jekk kienx hemm verament bżonn li ssir ir-referenza. Tassew kien ikun utli ħafna li kieku l-qorti riferenti semgħet ix-xiehda tal-persuni, li kienu preżenti waqt l-arrest, waqt l-interrogazzjonijiet u waqt it-teħid tal-istqarrijiet, u dwar il-mod ta’ kif saret il-komunikazzjoni ma’ Miloud Elforjani;

43. Fuq kollox ladarba l-kwistjoni ddur ma’ stqarrijiet tal-akkużat, tajjeb li jingħad li skont l-**artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali**, stqarrija tista’ tiġi użata biss kontra tiegħu jekk jirriżulta

li din saret minnu volontarjament. Minbarra dan, skont l-**artikolu 534AĊ(1)** u **(2) tal-Kodiċi Kriminali** jaqa' fuq il-Pulizija Eżekuttiva li tivverifika jekk is-suspettat jifhimx bil-Malti u li tipprovdi interpretu jekk dan huwa meħtieġ. Bil-ħniena għandu għalfejn jingħad, konfessjoni ta' akkużat li ssir f'kuntest ta' interrogazzjonijiet u stqarrijiet bil-miktub f'ilsien li l-akkużat ma jafx, qajla tista' tingħad li hija volontarja. Kwistjonijiet bħal dawn, li jolqtu l-volontarjetà tal-konfessjoni u dwar jekk kellhiex tiġi provduta interpretazzjoni skont l-**artikoli 658** u **534AĊ tal-Kodiċi Kriminali** huma ħwejjeġ li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali u għalhekk dan ikompli jsaħħaħ il-fehma ta' din il-qorti dwar kemm il-qorti riferenti għaġġlet meta bagħtet din ir-referenza kostituzzjonali;

44. Lil hemm minn dan kollu, biex ma jingħadx li din il-qorti ħaslet idejha minn din l-ordni ta' referenza, hija xorta waħda ħa tipprovdi gwida lill-qorti riferenti dwar il-kwistjoni kostituzzjonali involuta. Dan naturalment ħa jsir mingħajr mal-qorti tesprimi ruħha dwar jekk Miloud Elforjani jafx bil-Malti jew le, billi din hija xi ħaġa illi l-qorti riferenti trid tistabbilixxi;

45. Fl-ewwel lok, l-Avukat tal-Istat *et* mhumiex għalkollox korretti meta jgħidu illi l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** ma japplikax għal dan il-każ minħabba li l-istqarrijiet ingħataw qabel ma bdew il-proċeduri kriminali;

46. Huwa veru li l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** jidħol biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti. Kemm hu hekk, dan l-artikolu jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn akkuża li tkun qiegħda tinstema' minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi;

47. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-

Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti (ara ***Karl Heinrich Muscat v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Jannar, 2002*)* u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja (ara ***Anthony Żarb et v. Ministru tal-Ġustizzja et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ottubru, 2002);

48. Minn din il-perspettiva għalhekk wieħed jista' jargumenta li l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** lanqas ma jgħodd waqt l-istadju tal-interrogazzjoni mill-Pulizija għaliex dan l-istadju jinżamm qabel ma jkun inbeda l-proċediment kriminali. Madankollu l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Malcolm Said v. Avukat Ġenerali et***, li ġiet deċiża fl-24 ta' Ġunju 2016, iddikjarat li l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jista' jidħol fix-xena ukoll jekk dawn l-istqarrijiet jintużaw bħala prova fi proċediment kriminali li jinġiebu wara (ara wkoll ***Dominic Camilleri v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Marzu, 2018 u ***Brian Vella v. L-Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Diċembru, 2018);

49. Sewwasew f'dan il-każ, għalkemm l-istqarrijiet inkwistjoni ttieħdu qabel ma nbdew il-proċeduri kriminali kontra Miloud Elforjani, dawn l-istqarrijiet iridu jintużaw mill-prosekuzzjoni bħala prova wara li nħarġu l-akkużi kontra Miloud Elforjani. Għalhekk ma jistax jingħad li l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** ma japplikax (ara ***Mark sive Marco Paċe v. Avukat Generali*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-7 ta' April, 2022). F'dan is-sens għalhekk din l-eċċezzjoni mressqa mill-Avukat tal-Istat *et* ma tistax titqies bħala waħda mistħoqqa;

50. Illi dwar il-mertu nnifsu, jissokta jingħad li kemm l-**artikolu 39(6)(e) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, kif ukoll l-**artikolu 6(3)(e) tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdu li kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu l-jedd li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta' interpretu, jekk ma jkunx jista' jifhem jew jitkellem l-ilsien użat fil-proċeduri ġudizzjarji dwar l-akkuża li jkun mixli biha;

51. Wieħed ġustament jistaqsi hawnhekk jekk il-jedd ta' interpretu jeżistix fil-mument tal-investigazzjoni jew tal-interrogazzjoni billi l-liġi fl-**artikolu 39(6)(e) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u fl-**artikolu 6(3)(e) tal-Konvenzjoni Ewropea** tirreferi għaċ-ċirkostanza meta tinħareġ akkuża kriminali fi proċeduri ġudizzjarji. Dwar dan il-punt l-awtur **William A. Schabas** jgħid f'paġna 314 tal-ktieb tiegħu ***The European Convention on Human Rights - A Commentary*** li,

> *«The possible need for assistance of an interpreter may arise at the earliest stage in the proceedings. It may even be necessary at investigation stage. Certainly, article 6(3)(a), requiring that the accused person be informed of the charges, and with which there is a close relationship to article 6(3)(e) (**Kamasinski v. Austria**, 19 December 1989, § 79, Series A no. 168; **Horvath v. Belgium** (dec.), no. 6224/07, 24 January 2012), can only operate in a meaningful way if the the person actually understands the language in which the communication is provided.»*

52. Fil-fatt il-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) f'għadd ta' okkażjonijiet tenniet li l-jedd ta' intepretu jgħodd ukoll fl-istadju ta' interrogazzjoni. Fosthom wieħed isib dawn is-sentenzi li ġejjin:

   i. ***Amer v. it-Turkija*** deċiża fit-13 ta' Jannar, 2009 - L-applikant kien jitkellem l-Għarbi u ma kellux interpretu waqt l-interrogazzjoni. Għalkemm l-applikant kien kapaċi jifhem u jitkellem ftit kliem bit-Tork madankollu ma kienx kapaċi jaqra kitbiet bit-Tork. Il-Qorti Ewropea sabet ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq għaliex l-applikant kellu jkollu għallinqas interpretu li jaqliblu l-istqarrijiet tiegħu bl-Għarbi biex dan ikun jista' jifhem eżatt x'hemm miktub fihom;

   ii. ***Şaman v. it-Turkija*** deċiża fil-5 ta' April, 2011 - L-applikanta ilmentat li ma kinitx tifhem ħafna t-Tork u li ġiet ippreġudikata waqt l-interrogazzjoni tagħha minħabba li ma kinitx megħjuna minn interpretu u minn avukat. Il-Qorti Ewropea sabet ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq għaliex instab li l-applikanta mhux biss ma kellhiex għarfien tajjeb tal-ilsien Tork sabiex tifhem eżatt il-mistoqsijiet li kienu qegħdin

isirulha waqt l-interrogazzjoni iżda lanqas ma kellha għarfien tajjeb tal-ilsien Tork sabiex tesprimi ruħha bit-Tork, b'dana għalhekk li ma kienx sew li l-Pulizija Torka tressaq bħala provi fil-każ kriminali l-istqarrijiet meħuda lilha fl-interrogazzjoni. Fil-konsiderazzjonijiet tagħha, il-Qorti Ewropea qieset ukoll li l-akkużi kienu serji u kkumplikati ħafna u għalhekk dawn kienu jeħtieġu għarfien tajjeb tal-lingwa użata; u

iii. ***Baytar v. it-Turkija*** deċiża fl-14 ta' Ottubru, 2014 - L-applikanta li ma kinitx tifhem bit-Tork ġiet interrogata mill-Pulizija u argumentat li l-istqarrija tagħha ttieħdet illegalment minħabba li hi ma kinitx megħjuna minn interpretu biex tifhem x'kien qed jiġri. Il-Qorti Ewropea sabet ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq għaliex skontha kellu jkun hemm interpretu fil-mument tal-interrogazzjoni ladarba dawk l-istqarrijiet kienu ħa jintużaw fil-proċeduri kriminali;

53. Minn dan kollu joħroġ ċar ħafna li għandha tingħata l-assistenza tal-interpretu anke fil-fażi tal-interrogazzjoni qabel ma jinbdew il-proċeduri kriminali. Dan il-jedd ta' interpretu għandu jingħata sakemm ma jintweriex li jeżistu raġunijiet sodi biżżejjed (*compelling reasons*) fiċ-ċirkostanzi tal-każ biex dak il-jedd ma jingħatax. Hekk pereżempju fis-sentenza ***Diallo v. l-iŻvezja*** tal-5 ta' Jannar, 2010, il-Qorti Ewropea sabet li ma kienx hemm għalfejn jingħata interpretu għaliex l-uffiċjal li kien interroga lill-applikant kien kapaċi jitkellem bil-lingwa tal-applikant;

54. Kif tajjeb ippoġġiha **William A. Schabas** fl-istess paġna tal-ktieb tiegħu fuq imsemmija, «*An evaluation of the lingusitic abilities of the person charged with an offence is obviously vital to the application of article 6(3)(e)*»;

55. Żgur u mhux forsi, l-allegazzjoni waħidha tal-avukat ta' Miloud Elforjani magħmula fit-talba għar-referenza kostituzzjonali mhijiex prova minnha nnifisha li Miloud Elforjani ma jifhimx u ma jitkellimx bil-Malti. Huwa għalhekk f'idejn il-qorti riferenti li tixtarr, wara li tisma' l-provi, jekk Miloud Elforjani huwiex persuna li kienx kapaċi jifhem u jitkellem bil-Malti fil-

mument tal-interrogazzjoni tiegħu (ara ***Vizgirda v. L-iSlovenja*** deċiża fit-28 ta' Awwissu, 2018 u ***Hermi v. L-Italja*** deċiża fit-18 ta' Ottubru, 2006);

56. Li tista' tgħid din il-qorti biex ittemm din id-deċiżjoni tagħha huwa li jekk il-qorti riferenti tasal għall-fehma tagħha li Miloud Elforjani kien jaf Malti biżżejjed biex jifhem dak li kien qiegħed jiġri waqt l-interrogazzjoni, allura ma jista' jkun hemm l-ebda ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq tiegħu kif imħares taħt l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,** jekk kemm-il darba l-istqarrijiet tat-23 ta' Lulju, 2019 u tas-6 ta' Awwissu, 2019 jintużaw bħala parti mill-evidenza tal-prosekuzzjoni kontra tiegħu fil-proċeduri kriminali;

57. Mill-banda l-oħra, hemm lok ta' ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq ta' Miloud Elforjani, jekk jinstab li huwa ma kienx jifhem u jitkellem bil-Malti waqt l-interrogazzjoni u fl-aħħar tal-proċess kriminali jinstab ħati tal-akkuża kriminali miġjuba kontrih minħabba dak li hemm imniżżel fl-istqarrijiet tat-23 ta' Lulju, 2019 u tas-6 ta' Awwissu, 2019 li saru minnu mingħajr l-assistenza ta' interpretu. Fi kliem sempliċi kif ingħad fis-sentenza ***Cuscani v. Ir-Renju Unit*** deċiża fl-24 ta' Settembru, 2002, «*The onus was thus on the judge* (fil-każ tagħna l-Maġistrata) *to reassure ... that the absence of an interpreter ... would not prejudice the applicant's full involvement in a matter of crucial importance for him*»;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, dina l-qorti qiegħda twieġeb għar-referenza magħmula lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-23 ta' Frar, 2022, billi tgħid:

i. illi jkun hemm ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**, bl-użu tal-istqarrijiet ta' Miloud Elforjani tat-23 ta' Lulju, 2019 u tas-

6 ta' Awwissu, 2019, jekk jintwera li huwa ma kienx jifhem u jitkellem bil-Malti meta dawn itteħdulu;

ii. filwaqt, li ma jkunx hemm ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**, bl-użu ta' dawn l-imsemmija stqarrijiet, jekk jintwera li Miloud Elforjani kien jifhem u jitkellem bil-Malti fil-mument tal-interrogazzjoni tiegħu;

Fl-aħħarnett, il-qorti tordna li l-ispejjeż marbuta ma' din ir-referenza kostituzzjonali għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, ladarba l-qorti riferenti ma messhiex bagħtet din ir-referenza bla ma tisma' provi dwar jekk Miloud Elforjani jifhimx u jitkellimx bil-Malti;

Kopja formali ta' din is-sentenza għandha tiddaħħal fl-atti tal-kawża kriminali;

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**